# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru  114**

**Citaz.  numru:  363/98 NA**

**Edgar Cassar**

**vs**

**Carmel sive Charles Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Dan ir-rikors huwa korrettement maghmul a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-titolu ezekuttiv li qed tintalab l-ezekuzzjoni tieghu hija s-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Frar, 1993 (Citazzjoni Numru 996/91 AD).

Fin-nota responsiva gguramentata tieghu tal-15 ta' Marzu 1999 l-intimat/konvenut isostni illi l-ammont mhuwiex kollu dovut peress illi l-esponent ghamel pagamenti kif kien miftiehem.

Din il-kawza hija intrinsikament konnessa mal-kawzi l-ohra fuq il-lista tallum Citazzjoni Numri 361/98 u 362/98 li wkoll sejrin jigu decizi llum.

Din il-Qorti taghmel pjena riferenza partikolarment ghall-kawza Citazzjoni Numru 361/98 u ghall-motivazzjonijiet hemm moghtija.

F'din il-kawza pero' jirrizulta anke min-nota spjegattiva ta' l-istess rikorrenti tat-2 ta' Jannar 2001 illi l-meritu huwa ormai ezawrit peress illi l-ammont kollu dovut bhala sorte bl-imghax u l-ispejjes relattivi li kien gie kkundannat ihallas il-konvenut bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq citata fil-fatt thallsu kollha.

Ma jidhirx illi huwa kkontestat illi l-hlas ghas-saldu sar biss fil-15 ta' Mejju 1998 fil-waqt illi dawn il-proceduri nbdew bir-rikors tat-23 ta' Frar 1998. F'din id-data pero' l-bilanc li seta'

kien dovut ma setax kien wiehed konsiderevoli u ghalhekk dan ghandu jirrifletti fuq l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti fil-waqt li tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu stante li dan gie ezawrit tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu tlett kwarti (3/4) mir-rikorrenti u kwart (1/4) mill-intimat.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.